# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 21 ta' Jannar, 2002**

**Numru**

**Avviz numru: 976/01mm**

**Brownrigg Supplies & Services Limited**

**vs**

**Ceiling Systems Limited**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, hames mija u hamsa u sittin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm2565.20) bilanc minn somma akbar, rapprezentanti l-

valur ta' diversi konsenji ta' *mechanical and electrical material* mibjugha u ikkonsenjati lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici fuq inkarigu ta' l-istess socjeta' konvenuta tul il-perjodu bejn is-16 ta' Jannar, 2001, u l-14 ta' Marzu, 2001.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 17 ta' Settembru, 2001, u bl-imghax legali dekorribbli mill-14 ta' Marzu, 2001, sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta, rapprezentanti ta' liema socjeta', li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-14 ta' Jannar, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.